21997D0327(02)

L 85/66 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 27.3.1997

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 1/97

## tat-30 ta' Jannar 1997

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, livelli, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed "il quddiem riferut bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,"

Billi l-Anness II mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 76/96 tat-13 ta' Diċembru 1996 [1];

Billi d-Direttiva 95/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 li għandha x'taqsam ma' kif jaqbdu l-materjali użati fil-kostruzzjoni interna ta' ċerti kategoriji ta' vetturi bil-muturi [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 45s (Direttiva 95/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) f'Kapitolu I ta' l-Anness II tal-Ftehim:

"45t. **395 L 0028**: Direttiva 95/28/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 li għandha x'taqsam ma' kif jaqbdu l-materjali użati fil-kostruzzjoni interna ta' ċerti kategoriji ta' muturi (ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 1).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 95/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-Islandiż u bin-Norveġiż, li huma annessi mal-versjonijiet tal-lingwa rispettiva ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1997, basta li l-avviżi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ippubblikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċ–jali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Jannar 1997.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

C. DAY

[1] Għadu ma ġiex ippublikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU No L 281, tat-23.11.1995, p. 1.